MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 3342/1996/1

**Mid Med Bank p.l.c. skond kif korretta b'digriet tat-22 ta' April 1998 u b'nota tas-27 ta' Ottubru 1999 gie indikat li b'rizoluzzjoni tat-18 ta' Awissu 1999 l-isem tal-Bank inbidel ghal-HSBC Bank Malta p.l.c.**

**v.**

**Girgenti Company Limited, William Dingli, Joseph u May Evelyn konjugi Schiavone, Carmel sive Charles u Yvonne konjugi Schiavone, Anthony u Patricia konjugi Dingli**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata fis-27 ta’ Novembru, 1996 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili s-socjeta` attrici ppremettiet hekk:
Illi in forza ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha tat-2 ta’ Novembru, 1993, hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’, il-Bank attur kien avvanza b’titolu ta’ overdraft lis-socjeta` konvenuta Girgenti Company Limited is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (LM25,000) bl-imghax bir-rata ta’ 8% fis-sena.

Illi in forza ta’ att iehor ta’ l-istess Nutar tat-8 ta’ Novembru, 1994, hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘B’, il-Bank attur kien estenda l-facilita` ta’ l-overdraft fuq imsemmija b’sittin elf lira Maltin (LM60,000) ohra u ghalhekk sal-limitu ta’ hamsa u tmenin elf lira Maltin (LM85,000).

Illi in forza ta’ l-att ezebit bhala Dok ‘A’ il-konvenut Carmel sive Charles Schiavone kien ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mas-socjeta` konvenuta ghar-rifuzjoni ta’ l-overdraft ta’ LM25,000’

Illi in forza ta’ skrittura ta’ fideussjoni hawn annessa u mmarkata Dokumenti ‘C’, il-konvenuti Anthony Dingli, William Dingli u Joseph Schiavone ikkostitwew ruhhom [garanti] biex jaghmlu tajjeb mas-socjeta` konvenuta ghas-somma ta’ LM25,000.

Illi in forza ta’ skrittura ta’ fideussjoni hawn anness u mmarkati Dok ‘D’, il-konvenuti Joseph Schiavone u Charles Schiavone ghamlu tajjeb mas-socjeta` konvenuta ghas-somma ta’ LM60,000.

Illi in forza ta’ skrittura ta’ fideussjoni hawn annessa bhala Dok ‘E’ il-konvenut William Dingli ghamel tajjeb ghas-socjeta` konvenuta ghas-somma ta’ LM85,000.

Illi il-kont ta’ l-overdraft skond zewg prospetti hawn annessi u mmarkati Dok ‘F’ u ‘G’ huwa passiv fis-somma globali ta’ mija u tmintax il-elf sitt mija u wiehed u erbghin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (LM118.641.49).

Illi apparti l-avvanzi fuq imsemmija is-socjeta` konvenuta gibdet permezz ta’ “encroachment” fuq il-kont kurrent is-somma ta’ sitt elef sitt mija u hmistax-il lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (LM6,615.32) skond il-prospett hawn anness u mmarkat Dok ‘H’.

Illi fl-ghoti tal-facilitajiet fuq imsemmija l-Bank attur dejjem irriserva illi huwa jista’ jittermina tali facilitajiet u ghalhekk jitlob ir-rifuzjoni mmedjata tas-somom lilu dovuti bl-imghax permezz ta’ semplici avviz bil-miktub, liema avviz inghata lill-konvenuti permezz ta’ hames ittri bonarji tal-24 ta’Ottubru 1996, kopji ta’ liema ittri huma hawn annessi u mmarkati ‘I’, ‘J’, ‘K’, ‘L’, ‘M’ izda l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Dan premess il-bank attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-Bank attur huwa kreditur tas-socjeta` konvenuta Girgenti Company Limited fis-somma ta’ mija u hamsa u ghoxrin elf mitejn u sitta u hamsin lira maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM125,256.81), filwaqt li huwa kreditur ukoll tal-garanti in solidum izda dan limitatament fir-rigward ta’ kull garanti individwali sas-somma minnu garantita kif fuq espost.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Girgenti Company Limited li thallas is-somma fuq imsemmija lill-Bank attur kif ukoll tikkundanna lill-konvenuti l-ohrajn in solidum ihallsu somom sal-ammont tal-garanziji rispettivi taghhom u dana bl-imghax bir-rata ta’ 8% fis-sena mit-22 ta’ Settembru 1996 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Is-socjeta` konvenuta Girgenti Company Limited ipprezentat nota ta’ ammissjoni fit-30 ta’ Gunju, 1997 u b’nota pprezentata fit-22 ta’ Awissu 1997 l-istess

kumpannija, flimkien ma Anthony Dingli u William Dingli ammettew it-talba attrici.

B'nota pprezentata fit-3 ta' Marzu, 1998 il-konvenuti Carmel sive Charles u Yvonne konjugi Schiavone eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett stante li l-isem korrett tas-socjeta` attrici huwa Mid Med Bank plc u ghalhekk kull notifika ta' l-istess citazzjoni hija ukoll nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Illi in subsidium u bla pregudizzju ghas-suespost, il-garanzija tal-11 ta' Ottubru 1994 u l-garanziji ipotekarji, huma nulli u bla effett stante illi tali garanziji ma gewx ukoll iffirmati u accettati mill-esponenti Yvonne Schiavone u li inoltre hija lanqas biss kienet konsapevoli ta' l-ezistenza ta' l-imsemmija garanziji u ghaldaqstant tali garanziji jmorru kontra d-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili, liema stat ta' fatt diga' ngieb a formali konjizzjoni tas-socjeta` attrici.

3. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenuti esponenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi Joseph u May Evelyn Schiavone u Patricia Dingli debitament notifikati baqghu kontumaci.

Illi b'nota pprezentata fit-13 ta' Mejju, 1998 il-Bank attur irriduca t-talba tieghu bis-somma ta' LM6,200 stante li dawn thallsu fil-25 ta' Frar 1998 filwaqt li rrizerva li jipprezenta prospett li jur kif gew appropriati dawn il-flus.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tas-7 ta' Ottubru, 1998 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza bil-mod segwenti:-
"Ghal dawn il-motivi tiddikjara illi l-Bank attur huwa kreditur tas-socjeta` konvenuta Girgenti Company Limited fis-somma ta' mija u dsatax il-elf sitta u hamsin lira maltin

u wiehed u tmenin centezmu (LM119,056.81) [LM125,256.81 – LM6,200], filwaqt illi huwa kreditur wkoll tal-garanti in solidum [hlief ghal Yvonne Schiavone] izda dan limitatament fir-rigward ta' kull garanti individwali sas-somma minnu garantita kif fuq espost.

"Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Girgenti Company Limited li thallas is-somma fuq imsemmija lill-Bank attur kif ukoll tikkundanna lill-konvenuti l-ohrajn in solidum [hlief ghal Yvonne Schiavone] ihallsu somom ta' l-ammont tal-garanziji rispettivi taghhom u dana bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena mit-22 ta' Settembru 1996.

"Spejjez kontra l-konvenuti [barra Yvonne Schiavone] hlief dawk relattivi ghall-eccezzjonijiet ta' Charles u Yvonne Schiavone li jridu jigu sopportati hekk:-

Dwar l-ewwel eccezzjoni mill-Bank attur;
Dwar it-tieni eccezzjoni nofs mill-Bank u nofs mill-konvenut Carmel Schiavone;
Dwar it-tielet eccezzjoni minn Carmel u Yvonne Schiavone.";

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat illi dwar il-konvenuti Girgenti Company Limited, Anthony Dingli u William Dingli dawn ammettew it-talba. Charles u Yvonne Schiavone ipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet, waqt li l-konvenuti l-ohra huma kontumaci.

"Dwar l-eccezzjonijiet jinghad li l-konvenuti u l-konsulenti legali taghhom ma dehrux meta mghajjta u provi ma ressqux. Fit-13 ta' Mejju, 1998 il-kawza giet imhollija ghas-sentenza in difetto ostacolo. Ma gie ipprezentat xejn mill-konvenuti.

"Dwar l-ewwel eccezzjoni dwar in-nullita` tac-citazzjoni minhabba l-isem tas-socjeta` attrici, jinghad li meta giet ipprezentata c-citazzjoni l-isem kien korrett. Giet presentata nota fit-22 ta' April, 1998 ghall-korrezzjoni

opportuna u giet degretata l-korrezzjoni fl-istess data. A tenur ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 il-Qorti hi awtorizzata li tippermetti tibdil fl-iskritturi inkluz l-isem tal-partijiet jew kwalita` li fiha jidhru sakemm tali sostituzzjoni ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni fuq il-mertu tal-kawza. Dan kien kaz minnhom, u l-korrezzjoni li saret fl-kors tal-kawza kienet opportuna. Ir-risoluzzjoni generali ta' l-azzjonisti ittiehdet fis-17 ta' Dicembru 1997 u n-nota giet ipprezentata fit-22 ta' April, 1998. Dan ifisser li l-konvenuti Charles u Yvonne konjugi Schiavone kellhom id-dritt li jissollevaw l-eccezzjoni, izda f'dan l-istadju din l-eccezzjoni ma treggix aktar. Jinghad ukoll li tali eccezzjoni kif inhuma l-fatti [cioe` li meta giet prezentata c-citazzjoni l-isem tas-socjeta` attrici kien korrett] ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni kif pretiz mill-eccipjenti, izda ghan-necessita` tal-korrezzjoni, liema korrezzjoni saret. Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni.

"Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe` li l-garanzija tal-11 ta' Ottubru, 1994 u l-garanziji ipotekarji, huma nulli u bla effett stante illi tali garanziji ma gewx ukoll iffirmati u accettati minn Yvonne Schiavone jinghad li s-socjeta` attrici ma gabet ebda provi fl-konfront ta' Yvonne Schiavone. Dan ma jwassalx ghan-nullita` tal-garanziji ipotekarji izda certament ma ingibtx prova taghhom fil-konfront ta' Yvonne Schiavone. Ghalhekk tilqa' din it-tieni eccezzjoni fil-konfront ta' Yvonne Schiavone.

"Ghall-istess motivi it-tielet eccezzjoni u cioe` li t-talbiet tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenuti Charles u Yvonne konjugi Schiavone huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, qedgha tigi milqugha fil-konfront ta' Yvonne Schiavone u mhux fil-konfront ta' l-eccipjent l-iehor Carmel Schiavone."

**L-appelli.**

Mis-sentenza fuq riportata appellat is-socjeta` attrici billi, b'rikors intavolat fit-23 ta' Ottubru, 1998, talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu din laqghat it-talbiet fil-konfront tal-konvenuti l-

ohrajn kollha eccetto Yvonne Schiavone, u cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' Charles u Yvonne Schiavone; u thassaraha u tirrevokaha in kwantu din is-sentenza lliberat lill-istess Yvonne Schiavone billi tiddeciedi illi Yvonne Schiavone hija wkoll responsabbli in solidum mal-konvenuti l-ohra a tenur tal-garanzija kontenuta fl-att pubbliku tat-2 ta' Novembru 1993, ezibit bhala Dokument 'A', u dana bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta Yvonne Schiavone.

Appellaw ukoll b'mod incidentali l-konjugi Schiavone u talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha jekk hekk jidhrilha nkwantu din laqghat it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Girgenti Company Limited, William Dingli, Joseph u May Evelyn konjugi Schiavone, Anthony u Patricia konjugi Dingli u tikkonfermaha in kwantu cahdet it-talbiet attrici fil-konfront ta' Yvonne Schiavone u thassarha u tirrevokaha in kwantu ddikjarat lil Charles Schiavone bhala garanti solidali mas-socjeta` konvenuta u kkundannatu jhallas l-ammont minnu ggarantit, billi jigi dikjarat illi l-garanziji moghtija minn Charles Schiavone fit-2 ta' Novembru 1993 u fil-11 ta' Ottubru 1994 huma nulli u bla effett u li ghalhekk il-konvenut Carmel sive Charles Schiavone ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

**L-aggravji tal-partijiet appellanti**

L-aggravji mressqa kemm mill-Bank appellant kif ukoll mill-konjugi Schiavone jistghu jigu kkunsiderati flimkien billi jikkoncernaw l-istess punt ta' ligi u cioe` jekk l-garanziji moghtija u ipoteki registrati minn Carmel Schiavone ghandhomx ikollhom effett. Fil-verita` l-appell tal-Bank attur jittratta biss dwar l-ipoteka moghtija bil-kuntratt tat-2 ta' Novembru, 1993 billi dak li ddecidiet l-ewwel qorti dwar l-garanzija moghtija fil-11 ta' Novembru 1994 mhux qed jigi kontestat. Infatti l-aggravju tal-bank attur huwa motivat mill-fatt li fis-sentenza appellata ma issir ebda distinzjoni bejn l-ipoteka moghtija fit-2 ta' Novembru 1993 u l-garanzija moghtija fil-11 ta' Novembru 1994, mentri qed jinghad li ghandu jkun hemm tali

distinzjoni billi ta’ l-ewwel dahlet in effett qabel l-emendi ghall-Kodici Civili u, per konsegwenza, ma ghandhomx japplikaw l-istess regoli li kienu in vigore meta inghatat it-tieni garanzija u cioe` dik tal-11 ta’ Novembru, 1994.

Da parti tal-konvenuti konjugi Schiavone, dawn qed isostnu li l-garanzija moghtija fin-1994, essendo att ta’ amministrazzjoni ta’ natura straordinarja li jehtieg l-kunsens taz-zewg konjugi ghal validita` tieghu, ghandu jigi dikjara null u bla effett stante li ma kienx hemm il-partecipazzjoni tal-mara. Mhux hekk biss, izda il-konjugi Schiavone qed isostnu li anke l-ipoteka moghtija fin-1993 ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett billi kienet wahda gratuwita.

Jidher li ghalkemm dan l-appell gie introdott f’Ottubru 1998 ma gie registrat ebda progress ghal zmien konsiderevoli u dana ghaliex fl-udjenza tat-12 ta’ Jannar, 2000, quddiem din il-Qorti kif dak inhar komposta, l-appell kien gie mholli ‘sine die’ pendenti decizjoni f’kawza li kienet giet istitwita mill-konvenuta Yvonne Maria Schiavone kontra l-partijiet l-ohra f’din il-kawza, inkluz zewgha Carmel sive Charles Schiavone, billi dik il-Qorti irriteniet “*li l-meritu ta’ dan l-appell jiddipendi minn decizjoni f’dik il-kawza…..*”

In effetti l-kawza imsemmija (Citaz. Numru 465/97JRM) giet determinata finalment b’sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta’ Gunju, 2005 u ghalhekk, fuq talba tal-bank attur, l-appell rega’ gie riappuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta’ Novembru, 2005 in forza ta’ digriet tal-15 ta’ Lulju, 2005.

Meta wiehed ihares lejn it-talbiet li gew maghmula fil-proceduri imsemmija mill-attrici Yvonne Maria Schiavone wiehed jinduna r-rilevanza taghhom ghall-ezitu ta’ dawn il-proceduri. Infatti l-attrici f’dawk il-proceduri, wara li ppremettiet li zewgha kien ikkostitwixxa ruhu garanti fiz-zewg okkazzjonijiet fuq imsemmija favur is-socjeta` Girgenti, kienet talbet li l-Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-konvenut Schiavone wahdu, ma setax jorbot il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u martu bil-mod li rabatha minghajr l-approvazzjoni ta' martu, u

"2. Tiddikjara li l-garanzija u l-ipoteka moghtija mill-konvenut Charles Schiavone b'rizultat tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph H. Sciriha tat-2 ta' Novembru 1993 bhala garanti solidali mas-socjeta` Girgenti Company Ltd favur is-socjeta` HSBC Malta plc huma nulli u minghajr effett stante li din ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Ligi billi saret minghajr il-kunsens u l-konsapevolezza ta' l-attrici kif stabbilit fil-Ligi,

"3. Tiddikjara li l-garanzija moghtija mill-konvenut Charles Schiavone b'rizultat tal-garanzija tal-11 ta' Ottubru 1994 bhala garanti solidali mas-socjeta` Girgenti Company Limited favur is-socjeta` HSBC Malta plc hija nulla u minghajr effett stante li din ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Ligi billi saret minghajr il-kunsens u l-konsapevolezza ta' l-attrici kif stabbilit fil-Ligi,

"4. Tikkundanna lill-konvenuti jikkancellaw l-ipoteka specjali kostitwita b'rizultat tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph H. Sciriha tat-2 ta' Novembru 1993……"

Gara li bis-sentenza fuq imsemmija t-talbiet kollha attrici gew michuda "*billi m'humiex misthoqqa fil-fatt u fid-dritt….*". Ghalhekk l-ipoteka baqghat veljanti u l-garanzijia baqghat in vogore.

Ghall-ahjar intendiment tal-kwistjoni li tinsab quddiem din il-Qorti huwa mehtieg li jigu riprodotti estratti minn dik is-sentenza fejn insibu l-konsiderazzjonijiet li ghamlet dik il-Qorti billi dawn jincidu b'mod dirett fuq il-kwistjoni meritu ta' dan l-appell. Fost affarijiet ohra u b'referenza partikolari ghal dak li qed jigi sottomess mill-Bank attur dwar l-ipoteka tat-2 ta' Novembru 1993 dik il-Qorti osservat is-segwenti:-
"Kif sewwa jirrileva l-bank imharrek fis-sitt eccezzjoni tieghu[1], sa dak inhar, Schiavone bhala ragel mizzewweg

[1] Din l-eccezzjoni titkellem dwar id-dhul fis-sehh ta' l-att XXI tal-1993 li issostitwixxa l-provvedimenti kollha tal-Kodici Civili dwar l-Komunjoni ta' l-Akkwisti.

seta' jorbot lill-kommunjoni ta' l-akkwisti minghajr il-htiega li jintalab is-sehem ta' martu jew il-fehma taghha. Sa dak iz-zmien, bil-ligi, ragel wahdu kien jamministra l-komunjoni ta' l-akkwisti."

Jinghad ukoll fl-imsemmija sentenza, u dana b'referenza ghall-aggravju ta' l-appellanti konjugi Schiavone dwar l-*ipotekazjoni gratuwita,* hekk:
"… ma jidhirx li jista' jinghad li l-ghoti tal-garanzija, fih innifsu, kien ghamil gratuwitu. Dik il-garanzija favur il-kumpannija mharrka nghatat sewwasew ghaliex il-kumpannija kienet qeghda tinghata facilita` bankarja u agevolazzjoni ta' flejjes li bihom hija setghet tahdem fin-negozju taghha."

In vista ta' dan l-aggravju tal-konjugi Schiavone dwar in-nullita` ta' l-ipoteka mahruga fit-2 ta' Novembru 1993 qed jigi michud u l-appell tal-bank attur, billi jirrizulta gustifikat, ser jigi akkolt.
Illi ghar-rigward ta' l-aggravju tal-konjugi Schiavone fil-konfront tal-garanzija moghtija fil-11 ta' Ottubru 1994 dik il-Qorti rriteniet, u mill-mod kif inhu redatt ir-rikors ta' l-appell hemm qbil mill-parti appellanti, li, anke fl-assenza tal-partecipazzjoni ta' wiehed mill-konjugi, l-imsemmija garanzija mhux nulla ab initio izda annullabbli u dana billi huwa provvdut fl-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili li tali atti "*jistghu jkunu annullati*". Infatti fis-sentenza citata jinghad hekk:

"Illi fejn ghamil ta' tmexxija straordinarja jsir minn wahda biss mill-mizzewgin u minghajr l-gharfien – imqar tacitu – tal-parti mizzewga l-ohra, dak l-ghamil xorta wahda jkun jghodd. Imma jekk l-ghamil bhal dak kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'holqien ta' jedd reali jew personali fuq gid immobbli, jew jekk kien jikkonsisti f'holqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet reali jew personali fuq hwejjeg mobbli, ghamil bhala dak ikun jista' jithassar fuq talba tal-mizzewweg li minghajr il-kunsens tieghu ikun sar dak l-att.[16] Kull ghamil iehor li jmissu jsir miz-zewg mizzewgin

[16] Art 1326(1) Kap 16.

flimkien izda li fil-fatt isir minn mizzewweg wiehed ma jistax jithassar, izda jinghata lill-parti li thalliet barra milli taghti l-kunsens taghha l-jedd li ggieghel lill-parti li mexxiet wahedha li tirreintegra l-komunjoni ta' l-akkwisti jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir, li taghmel tajjeb ghad-dannu mgarrab mill-parti mizzewga li ma tkunx tat il-kunsens taghha[17]........" (sottolinear ta' din il-Qorti)

Dik il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi kollha relatati mat-talba mressqa mill-attrici f'dawk il-proceduri ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' ta' dik il-garanzija, ghaddiet biex cahdet l-istess talba. Konsegwentement l-aggravju mressaq mill-konjugi Schiavone mhux gustifikat billi l-istess garanzija ghadha vigenti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghdha tipprovdi fuq l-appell principali tal-HSBC Bank (Malta) plc billi tilqghu u konsegwentement tiddikjara li l-ipoteka registrata in forza tal-kuntratt tat-2 ta' Novembru, 1993 ghandha effett u torbot l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Schiavone u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata, u fl-istess hin tichad l-appell tal-konjugi Schiavone, u tordna li l-ispejjez ta' l-appell principali kif ukoll dawk ta' l-appell incidentali jigu sopportati mill-konjugi Carmel sive Charles u Yvonne Schiavone.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[17] Art 1326(5) Kap 16.